MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 279/2005

**Julian Borg**
**(ID 369846 M)**

**Vs**

**Charles Mifsud u Martin Mifsud**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta` Jannar, 2005, fejn intalab li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu lill-attur is-somma ta' Euro 1,401.58c gia` Lm601.70c, rapprezentanti valur ta` hsarat kawzati mill-konvenuti fil-garage ta` l-attur skond prospett ta` tiswija ndikat fil-korp ta` l-avviz stess cioe`:-

a) qtugh ta` hadid, riparazzjonijiet, tikhil u zebgha ta` hitan
- Lm413

b) serratura
- Lm5.95c

c) xoghol ta` elettriku
- Lm50

d) zebgha
- Lm58
e) plugs tal-elettriku
- Lm9
f) dritt tal-perit
- Lm10
g) penali ghal sitt ijiem tard
- Lm65.75c

Bl-imghax legali mis-7 ta` Dicembru, 2004 u bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali tas-7 ta` Dicembru, 2004.

Ra r-risposta tal-konvenuti datata 3 ta` Frar, 2005 fejn ikkontestaw it-talba attrici bhala nfondata legalment u fattwalment u dana peress illi huma kienu irritornaw il-garage f'kundizzjoni tajba "fl-istat li nghata lilhom fil-bidu tal-kirja" l-ispejjez reklamati mill-attur ma humiex danni izda spejjez (bhal serratura) li l-attur ghazel li jaghmel. Fl-iskrittura ta` lokazzjoni annessa bhala Dok. CM ma kien sar ebda ftehim dwar penali ta` Lm10.95c kuljum kif qed jigi pretiz mill-attur apparti l-fatt li ma kien hemm ebda dewmien fil-konsenja tac-cavetta.

B'riserva ghal eccezzjonijiet ohra.

Sema` l-provi migjuba mill-partijiet u ezamina d-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi r-relazzjoni bejn il-kontendenti kienet wahda ta` natura kontrattwali emergenti minn skrittura ta` lokazzjoni ta` garage gewwa San Giljan Dok. CM datata 3 ta` Novembru, 1999. Illi mill-iskrittura stess jirrizulta li l-garage *de quo* kien gie mghoddi lill-konvenuti fi stat mhux daqstant tajjeb (Vide klawsola numru 4) tant li s-sid stess kien inkariga lilu nnifsu li jezegwixxi certa xogholijiet fuqu oltre ghall-fatt li suppost kellu jigi anness certifikat peritali fuq il-kundizzjoni tieghu. Ma jidhirx li tali certifikat gie

maghmul fil-bidu tal-kirja. Gie ezebit certifikat peritali wara t-terminazzjoni tal-kirja a fol. 15 tal-process li jitkellem dwar hsarat konsistenti f'toqob fil-hitan, tqeghid ta` hadid fl-istess hitan li kienu mtebba biz-zjut. Osserva wkoll tubi b'connections imqacctin u truf ta` wires miksijin bil-plastic. Dan ic-certifikat gie konfermat bil-gurament mill-istess perit Arkitett.

In sostenn ta` l-affermazzjoni tieghu l-attur ezebixxa diversi ritratti li jindikaw l-istat tal-garage u ricevuti ta` l-ispejjez inkorsi minnu.

L-attur jallega fix-xhieda tieghu li l-konvenuti bdew juzaw il-garage mhux ghall-iskop lilhom mikri izda biex jezercitaw go fih is-sengha taghhom ta` panel beating. B'danakollu pero` rrizulta li hu halla lill-konvenuti jokkupaw il-garage tieghu sat-terminazzjoni tal-kirja.
Ix-xhud Jimmy Farrugia kkonferma li fiz-zmien meta bdiet il-kirja huwa kien ghamel xi xoghol ta` tikhil fil-hitan u soqfa a karigu ta` l-attur u fil-kors tal-kirja kien tqabbad mill-konvenuti sabiex jaghmel zokklatura. Wara t-terminazzjoni tal-kirja huwa rega` tqabbad mill-attur biex jirranga xi hsarat li kienu konsistenti fi qlugh ta` robolts u tikhil tat-toqob relattivi. Jikkonferma li fil-kors tal-kirja il-hitan kienu mbajda bil-gir u mhux biz-zebgha u meta rega` tqabbad mill-attur wara li ghalqet il-kirja, dan qallu biex idur il-hitan biz-zebgha mhux bil-gir. Ma kienx f'pozizzjoni li jaghti rendikont spezzettat tax-xoghol minnu mahdum. Fil-process rikostruwit a fol. 39 tieghu hemm pero` speci ta` rendikont ftit aktar dettaljat li jqassam l-ispejjez bil-mod segwenti:-

| | |
|---|---|
| Qtugh ta` hadid u tindif tal-hitan | - Lm80 |
| Tikhil, xkatlar u zebgha | - Lm320 |
| Materjal (siment, ramel u gibs) | - Lm13 |
| Total | - Lm413 |

Il-konvenut Martin Mifsud xehed illi meta waslet biex tispicca l-kirja kien sar tentattiv biex igedduha pero` l-partijiet ma ftiehmux fuq xi kundizzjonijiet godda li xtaq jimponi s-sid. Jafferma li meta ghalqet il-kirja huwa ma joffri c-cwievet lis-sid pero` minhabba xi paroli zejda li

nqalghu huwa mar lura bihom ghand huh, il-konvenut l-iehor u l-ghada stess li ghalqet il-kirja regghu kkonsenjaw l-istess cwievet lis-sid gewwa envelope, liema cavetta kienet tahdem. Dwar l-elettriku huwa jallega li anzi zjiedu t-tubi u ghaddew il-wiring fil-conduits pero` jaccetta l-fatt li setghu qalghu xi tubi u l-holders u hallew il-wire bic-china connector. Jammetti li wahhlu xi hadid biex idendlu l-parts u jissokta jghid li l-hitan hallewhom imbajda bil-gir kif taghulhom is-sid ghalkemm dawn setghu kienu mcappsa b’xi zjud. Illi bejn wiehed u iehor din ix-xhieda ta` Martin Mifsud giet ikkonfermata wkoll bil-gurament minn huh il-konvenut l-iehor Charles Mifsud.

Illi ghalkemm huwa minnu li l-konvenuti kienu obbligati li jhallu l-fond lilhom mikri fi stat tajjeb pero` fl-istess hin huwa rilevanti wkoll il-fatt li l-istat tal-garage ma kienx daqstant fi stat tajjeb meta gie mghoddi lilhom. Illi l-konvenuti pero` xorta ghandhom iwiegbu ghal certu deterjorazzjoni jew hsara provenjenti minn nuqqas ta` manutenzjoni jew nuqqas ta` diligena bhala *bonus pater familia* salv *“wear and tear”*. Mill-banda l-ohra l-attur ghandu l-obbligu wkoll li jimminimizza d-danni u certament ma jipprovax japprofitta ruhu mis-sitwazzjoni. Per ezempju rrizulta li huwa spicca biex ezekwixxa certu benefikati fil-fond *de quo* peress illi minn semplici garage ta` parking ta` vetturi huwa kien ser jerga` jikrih bhala *retail outlet* u kwindi kien jehtieg li jtieh dehra daqsxejn ahjar.

Illi ghalhekk it-Tribunal isib li l-konvenuti ghandhom jigu ritenuti jhallsu biss ghal certu nfieq li rrikorra l-attur fit-terminazzjoni tal-kirja u mhux ghall-ispejjez kollha inkorsi.

Illi ghax-xoghol mahdum minn Jimmy Farrugia li kien ilahhaq is-somma ta` Lm413, it-Tribunal isib li l-konvenuti ghandhom ihallsu ta` l-ewwel item fl-ammont ta` Lm80 u qieghed jikkoncedi lill-attur wkoll il-beneficcju ta` l-ahhar item li jitkellem fuq materjal fis-somma ta` Lm13, kwindi total ta` Lm93. Dwar spejjez konnessi ma` l-elettriku, it-Tribunal qieghed jiddeciedi favur l-attur *arbitrio buon viri* l-ammont ta` Lm30 peress ma jirrizultax car liema xoghol kien rikjest bhala tiswija u liema sar bhala miljoramenti. Dwar l-items l-ohra, l-attur ma hux gustifikat li jitlobhom

lura mill-konvenuti stante li si tratta ta` xogholijiet ta` miljoramenti u mhux strettament tiswija ta` sarta. Jinghad ukoll li t-Tribunal ma jsibx li l-attur kien legalment gustifikat li jitlob il-hlas tal-penali u taz-zebgha.

Illi in vista tal-premess, it-Tribunal qieghed jillikwida l-ammont pagabbli mill-konvenuti lill-attur fl-ammont ta` Lm123, illum ekwivalenti ghal Euro 286.51c.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli ghal parti mill-ispejjez inkorsi mill-attur fil-garage *de quo* wara t-terminazzjoni tal-kirja, jillikwida dawn l-ispejjez fl-ammont ta` Euro 286.51c u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur is-somma hekk likwidata fl-ammont ta` Euro 286.51c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza b'dan illi l-ispejjez ta` din l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------